# IL-GHANJA TAL-HAMSA U TLETIN SENA

*Musa, memora mihi causas, quo numine laeso, vel quid regina dolens impulit virum insignem pietate, tot volvere casus, tot adire Deûm labores......?*

(VIRG : Eneade, Lib. I, vv. 8.11).

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

Twelidt bħal-lum!... ħamsa u tletin sena ilu,
Ix-xahar ta' Awissu kien fil-ħames jum,
Ħriġt l-ewwel bikja taħt toqol il-ħajja
U bqajt minn dak in-nhar nikber kuljum.

Inżilt minn ħoġor ommi, tlaqt il-mixja,
Bdejt ngħid xi kelma, nifhem mhux ħażin,
Imfissed minn kulħadd, ferħ, għors u mħabba,
Għal bidu ħsibtha l-ħajja tal-bnedmin.

Iż-żmien għaddej bħar-riħ, jien dejjem nikber,
Rajt fi triq l-hena kollox imexxini
Sakemm kont tfal, bi ħsiebi ċkejken bħali,
Żagħżugħ intbaħt li l-ħajja qed tinkini.

Fl-Għid ta' żgħożiti kollni ħajja u ħeġġa
Kont naħseb li sa mmiss is-sema b'idi,
Iżda xortija baqgħet dik il-kiefra
Li tlaħħmet miegħi qabel jum twelidi.

U żmien bi żmien, bdejt nara, nħoss u nifhem
Li l-ħajja ħolma, ħrafa l-wegħd'et tagħha,
Il-ferħ u l-hena gidba, qerq l-imħabba
U ġenn li bniedem jorbot qalbu magħha.

Il-lum sirt raġel!... ħamsa u tletin sena!!
Kollni ħosbien waqaft f'nofs triq il-ħajja
Fejn naf għax rajt b'għajnejja d-dinja x'tagħti,
U b'wiċċi lura nħares dort warajja.

'Ma kif f'tempesta, qabel xi sajjetta,
Minn bejn sħab iswed, daqqa t'għajn bis-serqa
Tagħti fuq l-art u malli l-ħerba tilmaħ,
Ħarsitha, mbeżża', b'leħħa titfi l-berqa,

Hekk ħsibijieti kelli nerġa' niġbor
U ndawwar 'il quddiem ħarset għajnejja,
Imbeżża' minn tiġribi ta' l-imgħoddi
F'ħajja mikduda b'ċaħda, qerq u nkejja.

Għamiltha ma' kulħadd, ġarrabt minn kollox,
Għamilt li stajt b'ex kieku ngħix aħjar,
Għamilt il-ġid... ħabbejt; iżda n-nies miegħi
Jekk il-lum ħżiena, l-għada sibthom agħar.

U bkejt!... u bkejt bid-dmugħ!!... u dmugħ li ġelben
Minn xfar għajnejja ħomor bi ġrajjieti,
Ġrajjiet ta' qtigħ il-qalb, ġrajjiet ta' nkejja,
Ġrajjiet li ma tawnix ngħix jum bi kwieti.

Minkejja fija, ħtija ta' ħaddieħor.
Rajt jispiċċaw fix-xejn tamieti sbieħ
Għax bnejthom fuq min ħsibtu sur taż-żonqor
U sibtu ħajt imraqqa' bis-sejjieħ.

Ftakart f'xi wħud li qalbi tlaqt f'idejhom
U bl-egħżeż wirt ta' ħajti qimthom dejjem,
Imbagħad ċaħduni biex ġagħluni nifhem
Li aktar nies minn xi bnedmin il-bhejjem.

Ma nafx kemm drabi ïġġilidt ma' qalbi
Għax baqgħet tgħożż lil min fgalha mħabbitha,
Għafasha b'idu tal-ħadid u ġagħalha
Tibki u xxerred qtar ta' dmugħ bħax-xita.

U stenbhu f'moħħi ħsibijiet li ġeddu
L-uġigħ ġo qalbi, qalb li qed tinfena
B'ġerħa qadima li ma għalqetx bid-duwa
Taż-żmien nessej, f'tul ħamsa u tletin sena.